MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 59/2002/1

**Giovanni Vella**

**vs**

**Malta Council for Science and Technology**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-istanti, li jiggestixxi n-negozju tieghu bl-isem *'Vella Bros.'*, biegh u kkonsenja lill-Kunsill Konvenut f`Bighi Palace, 6305 vazi (gebel maqtugh f`qisien specifici) versu l-prezz patwit ta` Lm25,380 cioe` Lm4,025 kull vaza.

Il-Kunsill konvenut hallas akkont is-somma ta` Lm12,656 b`dan li baqa` dovut bilanc ta` Lm12,724.

Il-Kunsill konvenut ma qabilx ma` dan l-ammont u offra somma ferm inferjuri li pero` ma kienitx accettabbli ghall-attur.

Talab lill-Kunsill konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex tikkundanna ihallas lill-attur is-somma ta` tnax il-elf seba` mija u erbgha u ghoxrin lira (Lm12,724) bilanc ta` somma akbar prezz ta` vazi mibjugha u kkonsenjati lill-Kunsill konvenut f`Bighi Palace.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta` Gunju, 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra kontra l-Kunsill konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepiet illi:

Is-somma mitluba mill-attur hi esagerata u mhix dovuta mill-konvenut stante li l-ammont verament dovut jammonta biss ghas-somma ta` elf disa` mija u sitta u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,936.50) liema somma ga giet offruta lill-attur u dan ingustament irrifjutata li jaccettha.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha (inkluzi dawk tac-cedola ta` depozitu) kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-10 ta` Mejju, 2002, li in forza tieghu inhatar bhala perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti biex jaccedi fuq il-lok, jikkwantifika in-numri ta` vazi li tpoggew in konsegwenza tal-kuntratt moghti lill-attur mill-konvenut, u jaghmel stima ta` l-istess u jirrelata limitatament fuq dak l-inkarigu;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit teknikuipprezentat fit-13 ta` Mejju, 2003, u minnu mahluf fl-udjenza tal-1 ta` Lulju, 2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

F`din il-kawza, l-attur qed jallega li hu biegh u kkonsenja kwantita` ta` vazi (gebel maqtugh f`qisien specjali) lill-Kunsill konvenut ghall-uzu taghha fir-restorazzjoni ta` Palazz Bighi, gewwa l-Kalkara. L-attur jghid li hu kkonsenja 6,305-il vaza u r-rata miftehma kienet ta` Lm3.50 kull vaza, oltre l-VAT, li jgib rata ta` Lm4.02,5 kull vaza. Thallset is-somma ta` Lm12,656 bhala hlas akkont, u fadal bilanc, skond l-attur ta` Lm12,724.

Il-Kunsill konvenut ikkontesta t-talba fuq zewg binari: wahda li ma gewx, fil-fatt, konsenjati n-numru ta` vazi indikati mill-attur, u t-tieni, li r-rata miftiehma kienet ta` Lm3.25 kull vaza, inkluz VAT.

Ghar-rigward tal-ewwel punt, il-perit tekniku nominat biex jghodd il-vazi fuq is-sit, sab li dawn jammontaw ghal 6,078 vazi. Bhala fatt, pero`, jirrizulta li l-attur ghamel konsenja ta` 6,305 vazi, u dan jirrizulta mill-kopji tad-delivery notes esebiti u iffirmati mill-foreman tax-xoghol. L-obbligu tal-attur kien li jaghmel konsenja ta` numri ta` vazi skond ma jigi indikat lilu; ma kienx kompitu tieghu li jara li kull vaza li tigi konsenjata, tigi fil-fatt utilizzata ghall-iskop taghha. Ix-xoghol ta` restawr fil-Palazz Bighi kien responsabilita` tal-Kunsill konvenut, u kien dan li kellu obbligu jiccekkja li l-vazi li gew konsenjati fuq il-lant tax-xoghol, effettivament jintuzaw kollha ghal dik l-operazzjoni. Id-differenza ta` 227 bejn in-numri ta` vazi konsenjati u n-numru li nstabu fuq is-sit, tista` tkun dovuta ghal serq jew ghax inkisru fil-

waqt li kienu qed jigu mpoggija fuq is-sit. Jibqa` l-fatt, pero`, li rrizulta li l-attur ikkonsenja 6,305 vazi, u dawn gew accettati fuq il-lant tax-xoghol. Il-fatt li fuq il-lant tax-xoghol kienu qed jahdmu zewg kuntratturi (jew kuntrattur principali u sub-contractor), u li ghall-konsenja tal-vazi iffirma dejjem il-foreman tal-kuntrattur principali, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-vazi gew kollha kkonsenjati fuq il-lok kif kien miftiehem. Sta ghll-Kunsill konvenut jara kif u minn min il-konsenja kollha tigi accettata; bhala fatt, huwa accettat li l-konsenja giet ricevuta mill-foreman ta` wiehed mill-kuntratturi, u la darba irrizulta li din il-persuna iffirmat ghal u accettat in-numri ta` vazi indikati mill-attur, allura il-Kunsill konvenut ghandu jhallas ghal dak in-numru.

Il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-attur li l-kwantita` ta` vazi mibjugha u konsenjati lill-Kunsill konvenut jammonta ghal 6,305.

Ghar-rigward it-tieni punt ta` kontestazzjoni, il-Qorti tibda` biex tghid li hi taqbel mal-principju, enuncjat fil-ligi, li meta persuna tikwota prezz ghall-oggett jew servizz, dak il-prezz uniku jinkludi fih ukoll il-VAT. F`dan il-kaz, l-*purchase order* originali ghall-konsenja tal-vazi, ma gietx ippresentata, peress li l-Kunsill konvenut tilef il-file relattiv ghal din l-ordni; giet esebita <u>draft</u> order li turi *quote* ta` Lm6.50 biss. Hu accettat mill-Kunsill konvenut li peress li irrizulta li l-vazi kif manufatturati ma kienux tal-qies li riedet, sar ftehim li l-vazi jinqassmu min-nofs, tizdied 50c fuq kull vaza, u tinhareg rata ta` Lm3.50 fuq kull nofs vaza. Fil-fatt, il-vazi gew konsenjati f`nofsijiet, u n-numru ta` 6,305 jippresenta kemm il-nofs vaza giet konsenjata. Fuq dan kemm qbil, jew, ahjar, hu accettat mill-attur u mill-perit Alex Torpiano, li, f`isem il-Kunsill konvenut kien qed jiehu hsieb dan il-progett. Id-differenza principali hi li fil-waqt li l-attur jghid li oltre t-Lm3.50, il-kunsill irid ihallas il-VAT, il-Kunsill konvenut isostni li l-prezz miftiehem hu ta` Lm3.50 inkluz VAT.

Kuntratt bejn il-partijiet ma irrizultax li gie iffirmat u l-*purchase order* originali ma nstabetx. L-attur jaghti x`jifhem li l-VAT ma giex kwantifikat peress illi, meta sar if-ftehim, kien zmien l-elezzjoni tal-1996, u peress li l-Labour

Party kien qal li, jekk jitla` fil-Gvern, inehhi l-VAT, ftehmu li l-hlas ikun tant piu` xi taxxa jew xejn li tkun fis-sehh dak iz-zmien. Sfortunatament, da parti tal-Kunsill konvenut ma tressaq hadd mill-persuni li kienu involuti fit-tehdidiet biex jixhed u jaghti l-versjoni tieghu. Il-perit Torpiano ma kienx involut fit-tahdidiet, u hu jaf li l-prezz ta` vaza shiha kien, originarjament, Lm6.50 ghax hekk qalulu. Hu jghid li l-involviment tieghu kien biss meta sar qbil li l-prezz ta` kull vaza shiha jizdied b`50c, minhabba xoghol mehtieg biex vaza tinqasam fin-nofs u tigi mdadfa.

Din il-Qorti m`ghandhiex provi cari dwar kif sar id-diskors meta sar ftehim fuq prezz, ghalkemm l-attur u huh jinsistu li d-diskors dejjem kien fuq prezz piu` it-taxxa. Jirrizulta, pero, li meta saret il-konsenja, kull darba li kien isir dan, kienet tinhareg delivery note li kienet turi n-numru ta` vazi konsenjati, il-prezz tal-vazi u l-ammont tal-VAT (per ezempju, 270 vaza @ Lm3.50 = Lm945 + VAT Lm142, u fl-ahhar it-total). Id-delivery notes kollha hekk inhargu, u dwar dan il-fatt, m`hemmx kontestazzjoni. Dawn id-delivery notes, hekk mahruga, gew kollha accettati mill-persuna inkarigat mill-Kunsill konvenut biex jircievi konsenja tal-vazi, u dawn qatt ma gew kontestati.

Aktar importanti minn hekk, meta wara xi erba` jew hames konsenji, l-attur kien jitlob il-hlas, il-Kunsill konvenut kien jaghmel hlas a bazi tad-delivery notes, jigifieri a bazi ta` rata ta` Lm3.50 + VAT. Il-Kunsill konvenut hareg diversi payment vouchers bhala hlas akkont lill-attur, xi uhud minnhom approvati wkoll mill-perit Torpiano, u l-hlas dejjem sar kif mitlub u kif indikat fid-delivery notes. Hargu zgur payment vouchers f`Ottubru u f`Dicembru, 1996, u f`kull kaz il-hlas sar a bazi tar-rata ta` Lm3.50 kull nofs vaza + VAT.

Id-difensur tal-konvenut jghid li dawn il-payment vouchers hargu bi zball, u jekk sar zball, dan m`ghandux jigi perpetrat. Il-Qorti tara, pero`, li f`ebda mument ma l-Kunsill konvenut fetah proceduri ghar-restituzzjoni tal-hlas li allegatament sar bi zball. Il-ligi tippermetti restituzzjoni tal-indebitu (artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili), izda

azjoni ta` din in-natura qatt ma infethet mill-Kunsill konvenut.

Il-Qorti thoss li, x`kien li kien il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, l-agir tal-Kunsill konvenut meta ghamel hlasijiet akkont, jindika qbil li l-hlas kellu jkun ta` Lm3.50 kull nofs vaza, piu` VAT. Il-provi juru bic-car illi l-Kunsill konvenut ghazel xjentement li jesegwixxi l-obbligi tieghu. Hija rilevanti, ghalhekk, is-sentenza fl-ismijiet "Soler vs Vassallo", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Gunju, 2002, li rriteniet illi:

*"L-agir ta` persuna ghandu jkun konformi mal-posizzjoni li dik il-persuna trid tiehu fil-kuntest u jekk dan l-agir ikun ambigwu jew mhux konformi mal-posizzjoni rigida li dik il-persuna trid tiehu, ma tistax aktar isserrah fuq dik il-posizzjoni rigida li ma tkun konformi mal-agir taghha"*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta` Lm12,724 (tnax il-elf, seba` mija u erba` u ghoxrin liri Maltin) bilanc ta` prezz ta` vazi mibjugha u konsenjati, bl-imghax legali mis-6 ta` Gunju, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------